**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Dicembru 2020.**

**<u>Rikors nru: 359/2020 AGV ;</u>**

ABCD

vs

EC

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' ABCD datat 16 ta' Ottubru 2020 fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu fil- 5 ta' Gunju 1993, fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal-Tarxien, certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A;
2. Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin b' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Rachel Busuttil tad- 9 ta' Lulju 2003, kopja tal-kuntratt hawn annessa u mmarkata bhala Dok B;

3. Illi ma hemm ebda prosspett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet illi minbarra li ilhom hafna snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment seperata u indipendenti minn xulxin;
4. Illi mill-istess kuntratt ta' seperazzjoni bejn il-parijiet fl-artikolu 17, jidher illi huma ma fadalilhom ebda pendenza ma' xulxin.
5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta, fic-cirkostanzi ghalhekk, mhux mehtieg li ssir medjazzjoni bejniethom.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob bir-rispett illi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-aritkolu 66 B tal-kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta, illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja is-smiegh tal-partijiet kif mahsub l-aritkolu 66 C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ukoll sabiex jigi stabbbilit illi jezistu dawk il-kundizzjonijiet fl-imsemmi artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

1. Tippronuznja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi artikolu 66 C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati u Tribunali Civili sabiex f' terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-direttur tar-registru pubbliku bid-divrozju tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-registru pubbliku ai termini tal-artikolu 66 A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt minn issa in subizzjoni.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Hamis 10 ta'  Dicembru  2020, deher il-konvenut li ddikjara  li m' ghandux oggezzjoni ghat-talbiet, u ghalhekk ghaddiet ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**